MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1298/2010

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Zakaria Bourama Keita, iben Yamubu Keita, imwieled Guinea Conackry fit-28 ta’ Novembru, 1991, Karta ta’ l-Identita tal-pulizija numru 08WWW-015

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’data mhux magħrufa qabel it-2 ta’ Diċembru, 2010 bħala persuna illi mbarka jew żbarka, minn jew ġo Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jagħti lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ skont l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Diċembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' xahrejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------